MALTA

# QORTI KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tat-3 ta' Gunju, 2009

Numru 15/2007

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**Vs**
**John sive Johan Mifsud**

Il-Qorti,

Rat l-Att tal-Akkuza numru 17 tas-sena 2006 kontra l-akkuzat John sive Johan Mifsud, li bih huwa gie akkuzat talli:

1. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fl-Ewwel Kap illi fl-erba u ghoxrin (24) ta' Settembru elfejn u hamsa (2005) John sive Johan Mifsud ittraffika w ikkonsinna f' Bormla d-droga herojina xjentement u llegalment lil David Spiteri li ftit wara miet b'overdose bid-droga fornita lilu min John sive Johan Mifsud.

Id-droga herojina msemmija hija droga specifikata fl-ewwel Taqsima tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi. Illi l-imsemmi John sive Johan Mifsud la kellu licenzja

mill-President ta' Malta ghall-eghmil tieghu w anqas kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga msemmija. Inoltre John sive Johan Mifsud ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id- disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza msemmija w ma kellux licenzja w anqas kien xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija. L-istess John sive Johan Mifsud ma kellux licenzja li jipprokura l-istess droga.

Illi b'eghmilu, l-imsemmi John sive Johan Mifsud sar hati talli forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga herojina specifikata fl-ewwel Taqsima tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101) lil persuna jew ghal xi persuna minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta w minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal- 1939 ghall-kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga msemmija w minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall- esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id- disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza msemmija w minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d- droga msemmija w minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga.

Ghaldaqstant, l-Avukat Generali, fl-isem fuq imsemmi, akkuza lill- imsemmi John sive Johan Mifsud hati talli forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga herojina specifikata fl-ewwel Taqsima tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101) lil persuna jew ghal xi persuna minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta w minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga msemmija w minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-

Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza msemmija w minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga;

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u li jigi ikkundannat ghal piena ta' prigunerija ghal ghomru w multa ta' mhux inqas minn elf lira Maltija (Lm1000) izda mhux izjed minn hamsin elf lira Maltija (Lm50,000) u l-konfiska favur il-Gvern tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew proprjeta' mobbli w immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja, anke jekk tali flus u proprjeta' tkun ghaddiet ghand terzi persuni, w anke jekk l-imsemmija flejjes, proprjeta' mobbli jew proprjeta' immobbli jkunu qeghdin f'xi post barra minn Malta, skond dak li hemm u jintqal fl- artikoli 9, 10(1), 12, 14(1)(5), 20, 22(1)(a)(2)(a)(i)(ii), 22(2)(b)(i) u 26 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101) u r-regola 8 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi (G.N.292/39) u fl- artikoli 17(b), 23, 18, 31, 20, u 533 tal-Kodici Kriminali, jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.

2. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tieni Kap illi fiz-zmien u cirkostanzi indikati fl-ewwel Kap tal Akkuza w cioe' f' 24 ta' Settembru 2005, John sive Johan Mifsud kien fil-pussess xjenti llegalment tad- droga herojina biex jittraffikha u fil-fatt ikkonsenja l-istess droga lil David Spiteri li ftit wara miet b'overdose.

Illi d-droga herojina hija droga specifikata fl-ewwel Taqsima tal- Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101) u l-imsemmi John sive Johan Mifsud ma kellux awtorizzazzjoni ghall-esportazzjoni jew importazzjoni tad-droga msemmija mahruga mit-Tabib Principali tal- Gvern skond id-dispozizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza msemmija w ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifatura jew iforni dik id-droga. Anqas kien b'xi mod iehor bil-

licenzja mill-President ta’ Malta w anqas kien awtorizzat mill-President ta’ Malta li jkollu d-droga fil-pussess tieghu.

Illi b’eghmilhu, l-imsemmi John sive Johan Mifsud sar hati talli kellu fil- pussess tieghu d-droga herojina li ghaliha tapplika it-Taqsima VI ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, 1939 (Kap.101), meta ma kienx fil- pussess ta’ awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi, 1939 (Kap.101) u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija w ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja mill- President ta’ Malta w ma kienx awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall- Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/39) jew b’xi awtorita’ moghtija mill-President ta’Malta li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu w dik id-dorga ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali, fl-isem fuq imsemmi, akkuza lill- imsemmi John sive Johan Mifsud hati talli kellu fil-pussess tieghu d- droga herojina li ghaliha tapplika it-Taqsima IV u V tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, 1939 (Kap.101) u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija w ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta w ma kienx awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/39) jew b’xi awtorita’ moghtija mill-President ta’Malta li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu w dik id-droga ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond kif provdut fir-regolamenti msemmija.

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u li huwa jigi kkundannat ghall-piena ta’ prigunerija ta’ mhux inqas minn tnax-il- xahar izda mhux izjed min ghaxar snin u multa ta’ mhux inqas minn mitejn lira Maltija izda mhux aktar minn ghaxar telef lira Maltija u l- konfiska ta’ l-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat

skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 9,10(1), 12, 14(1)(5),20,22(1)(a)(2)(a)(ii),22(2) u 26 tal- Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101) u r-regola 8 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikioluzi (G.N.292/39) u fl- artikoli 23 u 533 tal-Kodici Kriminali, jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.

3. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tielet Kap illi fiz-zmien u taht ic- cirkustanzi indikati fl-ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza u cioe' f' 24 ta' Settembru 2005, John sive Johan Mifsud kien fil-pussess xjenti llegalment tad-droga herojina biex jittraffikha u fil-fatt ikkonsenja l- istess droga lil David Spiteri li ftit wara miet b'overdose minhabba li l- istess John sive Johan Mifsud illegalment u b'nuqqas ta' hsieb tah l- istess droga.

Illi b'eghmilhu, l-imsemmi John sive Johan Mifsud sar hati ta omicidju nvolontarju w cioe talli b'nuqqas ta hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, kkaguna il-mewt ta xi hadd.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill- imsemmi John sive Johan Mifsud hati ta omicidju involontarju w cioe talli b'nuqqas ta hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta tharis ta' regolamenti, ikkaguna il-mewt ta xi hadd;

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi huwa jigi kkundanat ghall-piena ta' multa ta' mhux izjed min hames telef lira jew prigunerija ta' mhux izjed min erba snin, skond dak li hemm u jintqal fl- artikoli 225 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.

Rat l-atti kollha processwali, inkluzi l-atti tal-kumpilazzjoni.

Rat il-verdett tal-gurati tal-lum li bih bi tmien (8) voti favur u b'vot wiehed (1) kontra sabu lill-akkuzat John sive Johan Mifsud hati tal-Ewwel u tat-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuza w b'sitt (6) voti favur u bi tlitt (3) voti kontra sabuh hati tat-tielet Kap tal-Att tal-Akkuza b'dana illi ghall-mewt ta' David Spiteri kien ikkontribwixxa wkoll l-istess David Spiteri b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti.

Tiddikjara ghalhekk lil John sive Johan Mifsud :-

1. hati talli fl-24 ta' Settembru, 2005, f'Bormla, forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga herojina specifikata fl-ewwel Taqsima tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101) lil persuna jew ghal xi persuna minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta w minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga msemmija w minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza msemmija w minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija w minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga w dana skond l-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza;

2. hati talli, fl-24 ta' Settembru, 2005, f'Bormla, kellu fil-pussess tieghu d- droga herojina li ghaliha tapplika it-Taqsima IV u V tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, 1939 (Kap.101) u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija w ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta w ma kienx awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/39) jew b'xi awtorita' moghtija mill-President ta'Malta li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu w dik id-droga ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond kif provdut fir-regolamenti msemmija w dan skond it- tieni kap tal-Att ta'l-Akkuza.

3. hati ta’ omicidju nvolontarju w cioe talli fl-24 ta’ Settembru, 2005, f’Bormla, b’nuqqas ta hsieb, bi traskuragni, jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b’nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti, kkaguna l-mewt ta’ David Spiteri, w dan skond it-tielet kap ta’ l-Att ta’ l- Akkuza, b’dana li ghall-mewt ta’ David Spiteri kien ikkontribwixxa wkoll l-istess David Spiteri b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni jew nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti

Rat il-fedina penali aggornata tal-hati esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti w ezaminata mid-difiza.

Semghet ix-xhieda ta’ Dr. Moses Camilleri w tal-Probation Officer tal-hati Ivan Sultana.

Qieset is-sottomissjonijiet KOLLHA tal-abbli difensur Dr. M. Mifsud, li jinsabu kollha registrati w jistghu jigu verifikati mat-traskrizzjoni tal-istess.

Qieset dak li qal l-abbli prosekutur Dr. Anthony Barbara illi jinsabu kollha registrati w jistghu jigu verifikati mat-traskrizzjoni.

Qieset illi r-reat taht it-Tieni Kap, ghall-fini tal-piena, jigi assorbit fir-reat taht l-Ewwel Kap skond l-artikolu 17(h) tal-Kodici Kriminali.

Qieset ukoll illi r-reat taht l-Ewwel Kap, f’dan il-kaz partikolari, serva bhala mezz biex sar ir-reat kontemplat fit-Tielet Kap u ghalhekk skond l-artikolu 17(h) tal-Kap. 9, ghandha tinghata l-piena biss ghar-reat l-aktar gravi w cioe’ r-reat taht l-Ewwel Kap.

Qieset li l-piena ghar-reat ta’ traffikar tad-droga eroina, meta l-kaz jigi deciz minn din il-Qorti w meta l-verdett tal-guri ma jkunx unanimu, kif ukoll meta l-Qorti tkun tal-fehma li l-kwantita’ tal-medicina involuta fir-reat u c-cirkostanzi kollha tar-reat, il-piena ta’ prigunerija ghal dik ta’ ghomor ma tkunx dik xierqa, l-persuna misjuba hatja tkun suggetta ghall-piena ta’ prigunerija ghall-zmien ta’

mhux inqas ta’ erba’ snin izda mhux izjed minn tletin sena w multa ta’ mhux inqas minn Euro 2,329.37 izda mhux izjed minn Euro 116,468.67.

A skanz li kull motivazzjoni taghha ulterjuri tkun tista’ tigi mizinterpretata, tghaddi biex, wara li rat l-artikoli 9, 10(1), 12, 14, 20, 22(1)(a)(2)(a)(i)(ii), 22 (3A)(d) u 26 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101) u r-regola 8 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi (G.N.292/39) u l-artikoli 17(h), 23, 31, 225 u 533 tal-Kodici Kriminali, tikkundanna lill-hati John sive Johan Mifsud ghall-piena komplessiva ta’ seba’ (7) snin prigunerija, b’dana li minn dan il-periodu jrid jinqata’ kull zmien li hu ghamel taht arrest preventiv BISS in konnessjoni ma dawn ir-reati w ghall-multa ta’ tlett elef Euro (€3000) li jekk ma jithallsux jigu konvertiti f’terminu ulterjuri ta’ sitt (6) xhur prigunerija skond il-Ligi kif ukoll li jhallas is-somma ta’ elf, hames mija w tlieta w tmenin Euro w tnejn u tletin centezmu (€1583.32) import ta’ l-ispejjez tal-perizji.

Tordna ukoll il-konfiska favur il-Gvern ta’ Malta tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta’ Malta ta’ kull flejjes jew proprjeta’ mobbli w immobbli ohra tal-hati.

Tordna wkoll id-distruzzjoni ta’ dawk l-esebiti li fuqhom instabu tracci ta’ drogi
a kura tad-Deputat Registratur ta’ din il-Qorti bl-assistenza tal-Ispizjar Mario Mifsud, sakemm, fi zmien hmistax (15) il-jum mill-lum l-Avukat Generali b’nota ma jinfurmax lil din il-Qorti li ghandu bzonn dawn l-esebiti jigu prezervati ghall-skop ta’ xi proceduri ohra kontra terzi w b’dana li l-istess Deputat Registratur ghandu jirraporta b’verbal lil din il-Qorti meta dawn l-esebiti jigu hekk distrutti.

Tordna li jekk l-ispejjez tal-perizji ma jithallsux fi zmien hmistax il-jum mil-lum, jigu konvertiti f’ terminu ta’ prigunerija skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------